



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



Postijiet tax-xogħol li jġibu
'l quddiem is-saħħa

Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali



II-Kampanja tal-2023- 2025 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa

Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni rapida tal-postijiet
tax-xogħol ħolqot ħafna opportunitajiet ġodda

għall-effiċjenza u għall-produttività, ġabet ukoll sfidi
ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol
(OSH). Dawn ir-riskji jeħtieġ li jiġu vvalutati u ġestiti
kif xieraq biex jiġi żgurat li l-ħaddiema fl-Ewropa jkunu
jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod sigur u li
jġib 'il quddiem is-saħħa. II-kampanja dwar Postijiet
tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2023-25 fl-era
diġitali, organizzata mill-Aġenzija Ewropea għas-
Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA),
tfittex li tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-impatt
tat-teknoloġiji diġitali fuq ix-xogħol u fuq il-postijiet
tax-xogħol u dwar kif għandhom jiġu ġestiti.

L-indirizzar tal-isfidi u l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni

Id-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal kbir biex ittejjeb is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema. It-teknoloġiji diġitali jgħinu fl-awtomatizzazzjoni tal-kompiti ripetittivi, bit-tnaqis tal-istrapazz fiżiku u bit-titjib tal-ergonomija. Ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali (IA) jistgħu jappoġġaw lill-impjegati f'ambjenti tax-xogħol perikolużi. Ix-xogħol mill-bogħod jiffavorixxi l-flessibilità u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Madankollu, dawn it-teknoloġiji jistgħu jwasslu wkoll għal strapazz fiżiku u mard muskuloskeletalni jekk jintużaw għal perjodi twal, kif ukoll għal sitwazzjonijiet ta' stress akbar, iżolament soċjali jew saħħa psikosoċjali ħażina.

Il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni jistgħu jittgawdew biss jekk ir-riskji jiġu ġestiti kif xieraq. Il-kampanja għandha l-għan li żżid l-għarfien dwar l-importanza tal-OSH fl-era diġitali u li tiżgura li jiġi implimentat approċċ iċċentrat fuq il-bniedem għad-diġitalizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

It-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol huma siguri u ta' benefiċċju għall-ħaddiema sakemm ir-riskji potenzjali jiġu vvalutati u ġestiti kif xieraq

Oqsma ta' prijorità

Il-kampanja hija strutturata madwar ħames oqsma ta' prijorità identifikati permezz tar-riċerka tal-EU-OSHA, inkluża l-ħarsa ġenerali tal-OSH 2020-23 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-istudji ta' prospettiva tagħha. Dawn jesploraw opportunitajiet li jirriżultaw minn teknoloġiji diġitali, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi potenzjali kollha:

- ix-xogħol fuq pjattaformi diġitali,
- l-awtomatizzazzjoni tal-kompiti,
- ix-xogħol mill-bogħod u ibridu,
- il-ġestjoni tal-ħaddiema permezz tal-IA, u
- is-sistemi diġitali intelliġenti.

B'enfasi fuq dawn l-oqsma ta' prijorità, il-promozzjoni ta' prattika tajba u s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tas-suġġett, jista' jiġi offrut ambjent tax-xogħol diġitali aktar sigur, li jgħib is-saħħa aktar 'il quddiem u aktar sostenibbli lill-ħaddiema kollha fl-Unjoni Ewropea.



Involvi ruġek! Ipparteċipa fil-Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa jew fil-Ġimgħat Ewropej għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol f'pajjiżek.